- *Storja tal-iżvilupp leġislattiv tal-Artiklu 1045 tal-Kodiċi Ċivili*
- *il-ġurisprudenza ddistakkat ruħha mill-portata strettament*
- *pekunjarja tal-Artiklu msemmi biex tat kumpens għal ħsara mhux patrimonjali*
- *jedd għall-integrita` psiko-fiżika*
- *danni morali*

**MALTA**

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rik. Ġur. 689/2012 GM**

**Jeffrey Saliba**

**vs**

**Richard Attard**

**Illum, 6 ta' Diċembru 2018**

**Il-Qorti,**

# I. Preliminari

Rat ir-rikors ta' Jeffrey Saliba (minn issa l-quddiem 'l-attur') ippreżentat fl-10 ta' Lulju 2012 li jaqra hekk:

1. Illi fl-20 ta' Settembru 2010, waqt li l-partijiet kienu qegħdin jieħdu sehem f'logħba futbol *five-a-side* ġewwa Ħal Qormi, l-intimat ħebb għall-mittenti u tah daqqa ta' ponn f'wiċċu.

2. Illi b'konsegwenza diretta tad-daqqa ta' ponn tal-intimat, ir-rikorrent sofra *blow-out fracture in the right orbit* u kellu jiġi operat b'urġenza.

3. Illi minħabba dan l-aġir tal-intimat, ir-rikorrenti sofra danni serji, u anke diżabilita` permanenti f'għajnejh, kif ċertifikat minn Mr Martin Francalanza (Dok A).

4. Illi dwar dan l-inċident, hemm ukoll proċeduri kriminali pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-konfront tal-intimat.

5. Illi *nonostante* diversi interpellazzjonijiet sabiex l-intimat jersaq għal-likwidazzjoni u konsegwenti ħlas tad-danni sofferti mir-rikorrenti, inkluż b'ittra ufficjali tas-27 ta' Marzu 2012 (Dok B), l-intimat baqa' inadempjenti.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti qiegħed jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat Richard Attard huwa unikament responsabbli għad-danni serji, inkluż diżabilita` permanenti, sofferti mir-rikorrent, u dan b'konsegwenza diretta tal-aggressjoni u tal-aġir vjolenti tal-intimat.

2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti riżultat ta' l-aggressjoni hawn fuq msemmija, okkorrendo jekk hemm bżonn, bil-ħatra ta' perit nominandi.

3. Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti dawk is-sommom li jiġu hekk likwidati a favur ir-rikorrenti.

Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-ittra ufficcjali tas-27 ta' Marzu 2012 u tal-Mandat ta' Sekwestru ppresentat kontestwalment u bl-imgħax legali skond il-liġi kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni, u bir-riżerva għal kull azzjoni oħra li tista` tispetta lir-rikorrenti.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti a nil t esebiti mill-attur;

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut Richard Attard illi wieġeb:

1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-esponent m'huwiex responsabbli għall-allegat inċident li seħħ nhar l-20 ta' Settembru 2010 u ma kkawża l-ebda dannu lill-attur.
2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jispetta lill-attur jipprova li sofra xi dannu u li dan id-dannu għandu jwieġeb għalih il-konvenut u għal kull buon fini kemm il-persentaġġ ta' diżabilita` kif ukoll il-*quantum* tad-danni pretiżi huma kkontestati mill-konvenut.
3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost fl-interess tal-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja kif ukoll għall-ekonomija tal-ġudizzju dawn il-proċeduri għandhom l-ewwel jistennew l-eżitu tal-proċeduri kriminali pendenti kontra l-konvenut eċċipjent b'rabta mal-istess allegat inċident ġaladarba l-provi li diġa` qed jinġabru f'dawk il-proċeduri ċertament li ser jkunu ta' rilevanza għal dawn il-proċeduri;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ippreżenti mar-rikors ġuramentat;

Rat l-affidavits u d-dokumenti ppreżentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda miġbura;

Rat in-Noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-proċess;

Ikkunsidrat:

Illi f'azzjoni bħal din, l-attur jeħtieġlu jipprova (1) il-fatt dannuż, (2) l-imputabilita` ta' dan il-fatt għal min ikun ikkaġunalu d-danni, u (3) l-event dannuż ikkawżat minn dan l-istess fatt;

## II. **Prova tad-danni**

(i) il-fatt dannuż

Illi din il-kawza hija dwar inċident illi fih korra l-attur waqt li kien qed jilgħab logħba *football five-a-side* f'*one day tournament* fl-20 ta' Settembru 2010. L-attur jgħid illi waqt l-imsemmija logħba, il-konvenut tah daqqa ta' ponn f'għajnejh il-leminija b'konsegwenza illi kellu jigi operat u għadu sal-lum jbagħti *b'double vision*;

Illi l-verżjoni tal-attur hija kkorroborata minn diversi persuni oħra li kienu preżenti waqt l-istess logħba. Jirriżulta minn din ix-xhieda okulari illi l-konvenut kien jidher kemmxejn aġitat waqt il-logħba; kien pjuttost irrabbjat u beda jitkellem ħażin. Alan Zammit li kien qed jagħmilha ta' *referee* waqt il-logħba xehed fil-proċeduri kriminali li kien sikket lill-konvenut ħafna drabi filwaqt li kien qed jgħid 'jekk ma tħallinix ngħaddi nifqalek għajnejk etċ'.[1] Saħansitra wara li l-konvenut ta d-daqqa ta' ponn lil attur kellhom iżommuh in-nies li kienu preżenti għaliex kien se jerġa' jaħbat għall-attur. Il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex temmen il-verżjoni tal-fatti li taw dawn ix-xhieda. Iktar u iktar tenut kont tal-ammissjoni tal-konvenut mal-Pulizija *a tempo vergine* li 'f'mument tħawwadt u xejjirtielu'.[2] Għalhekk xejn ma mpressjonaha l-konvenut meta fid-Dikjarazzjoni Ġuramentata l-konvenut jgħid li 'Wara l-logħba naf li rajtu jsuq il-karozza tiegħu u telaq'[3], meta jirriżulta ċar mill-atti proċesswali illi l-attur kellu jiġi mwassal lejn l-isptar għax ma setax isuq;

(ii) l-imputabilita` tal-fatt dannuż

---

[1] Fol 220
[2] Fol 130
[3] Fol 15

Illi m'hemmx dubbju dwar l-imputabilita` tal-event dannuż. Il-konvenut ta d-daqqa ta' ponn volontarjament, b'ardita` u bi ksuħat, bl-intenzjoni speċifika li jweġġa' lill-attur – u rnexxielu: Il-provi akkwiżiti nkluż r-rapport tal-espert mediku ma jħallu l-ebda dubbju illi l-ħsara fl-għajn il-leminija tal-attur ġiet ikkawżata mid-daqqa ta' ponn illi laqqat mingħand l-konvenut u għalhekk ġie stabbilit in-ness ta` kawżalita` bejn il-fatt kolpuż u l-event dannuż. Fix-xhieda tiegħu, il-konsulent Martin Francalanza jixhed illi it-tip ta' *injury* illi kellu l-attur tiġri għaliex 'dan ikun laqqat daqqa direttament *straight-on* fuq għajnejh';[4]

(iii) il-konsegwenzi dannużi

Illi l-Qorti rat iċ-ċertifikat maħruġ minn Mr Martin Frankalanza li huwa t-tabib (konsulent) illi baqa' jsegwi lill-attur wara l-inċident fl-isptar u anke disa' xhur wara li saritlu l-operazzjoni fejn jgħid: '*In my opinion after all this time, I don't think that there will be any further progress of this condition and unfortunately he may still be complaining of double vision on extreme up and down gaze. There is no further treatment for this and he will have to learn to adjust'.*[5] Fix-xhieda tiegħu Mr. Frankalanza jgħid ukoll li ma ra l-ebda progress fil-kundizzjoni ta' Saliba u li jkollu jgħix biha għax iż-żmien ta' fejqan kien għadda: 'Meta inti ikollok *injury* ta' din il-kwalita`, il-*muscles* jiġu trawmatizzati ħafna u l-*muscle* tal-għajnejn ma jibqax li jkun, il-*muscle* huwa delikat ħafna u meta jiġi espost għal dan it-tip ta' *injury* ma jibqax jiġġebbed kemm suppost allura ma jħallix l-għajn ddur fid-direzzjonijiet li normalment iddur. Meta jasal f'dik is-sitwazzjoni l-*muscle* m'hemmx iżjed x'tista' tagħmillu biex issolvi din il-problema għax il-*muscle* ma jibqax jiġġebbed bħal f'dik normali;'

Illi l-espert mediku maħtur mill-Qorti, Dr. Dennis Mallia ġie maħtur bhala espert mediku sabiex jeżamina lill-attur u jħejji rapport tiegħu ikkonkluda li:

> 'Skond rapport ta' dak iż-żmien, instab illi kellu tbenġila madwar il-globu tal-għajn il-leminija (*right periorbital haematoma*), u frattura tan-naħa t'isfel tal-ħofra tal-għajn – jew orbita (*blow out fracture of the floor of the orbit*) tal-istess naħa…

[4] Fol 135
[5] Dok A a fol 4

> ‘Sal-ġurnata ta’ meta jien eżaminajt lis-Sur Saliba, dan kien għadu jara doppju meta jħares: a) ‘l isfel, b) ‘l isfel u lejn il-lemin u ċ) meta jħares dritt lejn in-naħa tal-lemin. Ġie mkejjel illi huwa jibda jara doppju meta l-għajn tiċċaqlaq lejn il-pożizzjonijiet imsemmija b’aktar minn 30 grad min-nofs.
>
> ‘Dan in-nuqqas ta’ *movement* tal-għajn il-leminija huwa attribwit għal-restrizzjoni fil-moviment tal-muskoli ta’ madwar l-għajn minħabba l-ħsara li saret fl-*orbit* meta din ġiet fratturata’;[6]

Illi waqt proċeduri kriminali l-espert mediku xehed illi ‘hemm *double vision* għax hija *measured*’ u ċjoe` m’hijiex allegazzjoni tal-attur illi qed jara doppju iżda l-espert mediku kejjel eżatt mill-liema angolaturi l-attur jibda jara doppju. Fil-fatt l-espert mediku kkonkluda illi l-attur jara *double vision* meta l-għajn tiċċaqlaq lejn il-pożizzjonijiet imsemmija aktar ‘il fuq b’aktar minn 30 grad min-nofs;

## III <u>Likwidazzjoni tad-danni</u>

(i) *Damnum Emergens*:

Illi għal dak li jirrigwarda id-*damnum emergens*, l-attur ressaq numru ta’ riċevuti li jikkonsistu f’xiri ta’ mediċini, irċevuti min-naħa tal-Melita Cable plc, xi irċevuti illi m’hemmx spjegat ta’ xhiex inhuma kif ukoll irċevuti min-naħa tal-legali tiegħu. Il-Qorti sejra tieħu in konsiderazzjoni biss l-irċevuti ta’ xiri ta’ mediċini. Għalhekk taħt dan ir-ras ta’ danni, tirriżulta dovuta s-somma ta’ ħamsa u tmenin Ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€85.52)[7];

Illi mix-xhieda ta’ Omar Schembri bhala Rapprezentant tan-*Nursery* ta’ Hal-Safi u mid-dokumenti ppreżentati minnu jirriżulta illi l-attur naqas għal xi sessjonijiet ta’ *training* fix-xahar ta’ Settembru, u m’għamel l-ebda sezzjoni fix-xhur ta’ Ottubru u Novembru 2010. Li m’għamilx l-attur huwa li jġib il-prova ta’ kemm-il sessjoni ta’ *training* tilef u kemm kien jitħallas ta’ kull sessjoni sabiex din il-Qorti tkun tista’ takkorda ħlas xieraq ta’ danni li jirrifletti l-ammont ta’ sessjonijiet mitlufa. F’dawn

[6] Rapport ta’ Dr Dennis Mallia – fol 61
[7] Fol 43 – 55

iċ-ċirkostanzi l-Qorti tista’ tieħu biss medja ta’ kemm kien jitħallas l-attur kull xahar u għalhekk qed tillikwida s-somma ta’ €345;

Illi dwar ix-xogħol mal-kumpanija Go plc, il-Qorti se timxi fuq l-*invoices* illi Sandro Gauci in rappreżentanza ta’ Go plc esebixxa fl-atti. Mill-*invoices* ta’ dan ix-xhud jidher illi l-attur ma kienx jaħdem regolarment ta’ kull xahar u ġieli ma ħadimx f’xi xhur partikolari; per eżempju fix-xhur ta’ April 2010, Mejju 2010, Ġunju 2010 u Awwissu 2010 m’hemmx *invoices* li juru illi ħadem. Iżda mbagħad hemm *invoice* ta’ Novembru 2010 (ix-xahar ta’ wara l-operazzjoni). Dan ifisser li l-attur naqas milli jipprova li f’Settembru ħadem anqas u li fix-xahar t’Ottubru ma ħadimx kawża tal-inċident li seħħ fl-20 ta’ Settembru 2010. Għalhekk din il-Qorti tħoss li m’għandha talloka ebda danni bħala telf ta’ paga għal dan l-impjieg;

(ii) *Lucrum Cessans*:

(a) **Storja leġislattiva tal-Artikolu 1045**

Illi jkun utli li qabel xejn tiġi ttraċċjata l-istorja ta’ kif il-Kodiċi Ċivili tagħna jitratta l-kwantifikazzjoni tad-danni fil-każ ta’ diżabilita` tal-persuna ikkawżata inġustament;

Illi l-**Artikolu 1045 tal-istess Kodiċi**[8] jistipula “kif għandhom jitqiesu d-danni”[9] kemm b’mod ġenerali u speċifikament f’każijiet ta’ “inkapaċita` għal dejjem, totali jew parzjali”. Is-subartiklu (1) tiegħu jaqra hekk:

“Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skond id-disposizzjonijiet ta’ qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb

[8] Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ġja` enumerat Art. 1088 Kap 23; Art.751 Ordinanza. Dan l-artiklu ġie emendat permezz tal-Att III.1938.2; Att XXI.1962.17; XIII.2018.25; XXXII.2018.15.

[9] Hekk tgħid in-nota marġinali fit-test tal-liġi

direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta’ qligħ li tbati ’l quddiem minħabba inkapaċita` għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta’ jġib;”

Illi ma’ dan is-subartiklu hemm proviso, introdott fit-2018, li, fil-każ ta’ ċerti reati kriminali li ma jkunux reati involontarji, “jinkludi wkoll il-ħsara morali u, jew psikoloġika kkawżati lir-rikorrent” preżentement sa massimu ta’ €10,000. Imbagħad is-subartiklu (2) ikompli jgħid li:

“Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċita` tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b’mod partikolari, ix-xorta u grad ta’ inkapaċita` ikkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara;”

Illi t-test Taljan kien oriġinarjament jaqra hekk:

“751. Il danno che dev’essere risarcito da colui il quale lo abbia recato senza dolo, consiste nella perdita reale che il fatto abbia direttamente cagionato al danneggiato; nelle spese che questi abbia in sonseguenza del danno dovuto fare; e, se il danneggiato e una persona che lavora per salario od altro pagamento, e la perdita ancora di tale guadagno.

“752. Il danno pero’ che dev’essere risarcito da colui il quale lo abbia dolosamente recato, si intende, oltre le perdite e le spese menzionate nell’articolo precedente, al guadagno che il fatto impedisca al daneggiato di fare in avvenire, avuto riguardo al suo stato. La corte fissera per la perdita di tale guadagno, secondo le circostanze, una somma non eccedente cento lire sterline;”

Illi għalhekk meta ġie redatt il-Kodiċi Ċivili, l-liġi kienet tagħmel distinzjoni bejn danni volontarji u danni involontarji; il-*lucrum cessans* kien ristrett għal dawk tal-ewwel xorta. **Ma kien ikkontemplat l-ebda rimedju għad-dannu fuq il-persuna, lanqas għal telf ta’ qliegħ futur.** Fis-sena 1938, tneħħa l-Art. 752 tal-

Ordinanza iżda l-*lucrum cessans* li kien ikkontemplat fih ġie estiż għal kull dannu lill-persuna, anke jekk mhux ikkawżat b'reat volontarju. Ġie ffissat massimu ta' £100, iktar tard mgħolli għal £120, għal dan it-tip ta' dannu, li ġie mneħħi fis-sena 1962. Din is-sena stess (2018) kif diġa` qalet din il-Qorti, reġgħet ġiet introdotta distinzjoni bejn danni kkawżati minn (ċerti) reati volontarji u danni oħrajn; din id-darba iżda, biex tinkludi, fid-danni kkawżati mill-istess reati volontarji, il-ħsara morali u psikoloġika;

(b) **<u>Portata tal-Artiklu 1045 limitata għat-telf pekunjarju</u>**

Illi skont l-Artikolu 1045, fil-każ ta' dannu fuq il-persuna kkawżat b'negliġenza, dak li jkun ikkawża l-ħsara huwa passibbli biss "għat-telf ta' qliegħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċita` għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil jista' jġib". M'hemm l-ebda ambigwita` fit-tifsira ta' dan l-Artiklu: id-dannu jissarraf biss jekk ikun hemm telf ta' qliegħ fil-ġejjieni. Mill-perspettiva purament loġika, dan ifisser li, *a contrariu sensu,* jekk ma jkunx hemm telf ta' qliegħ, dak li jġarrab il-ħsara fil-persuna tiegħu m'huwa intitolat għal xejn. Jekk l-imġarrab ma jitlef l-ebda salarju; l-ebda promozzjoni fuq il-post tax-xogħol tiegħu; l-ebda opportunita` ta' xogħol iktar rimunerattiv; jekk ma jitlef l-ebda negozju jew opportunita` li jkabbar in-negozju tiegħu, ma jieħu xejn. Dan għaliex l-Artiklu 1045 huwa limitat għal telf pekunjarju. Kull tip ta' telf ieħor – huwa eskluż. Dejjem skont l-istess silloġiżmu, m'għandu jingħata l-ebda kumpens għan-nuqqas ta' tgawdija tal-ħajja li tiġi mill-ħsara fiżika: bħall-fatt li wieħed ma jistax jagħmel attivita` sportiva; jitlef is-sens tas-smiegħ, tax-xamm jew tat-togħma. Lanqas jagħti rimedju għal danni hekk imsejjħa "morali" li ma jikkostitwixxux debilita` bioloġika, bħall-inkonvenjenza, umiljazzjoni, jew *injured feelings*;

(ċ) **<u>Reazzjoni tal-Qrati tagħna</u>**

Illi b'danakollu l-ġurisprudenza ma segwietx dan l-interpretazzjoni kemm letterali kif ukoll loġika. Il-Qrati tagħna għarfu li l-persentaġġ tad-diżabilita` medika mhux bilfors huwa ekwivalenti għall-persentaġġ tad-diżabilita` industrijali; u huwa dan tal-aħħar li għandu jgħodd għall-fini tal-komputazzjoni tal-kumpens. Fil-każijiet fejn id-diżabilita` industrijali tkun ikbar minn dik medika, il-Qrati jkunu konformi tal-Artiklu 1045. Imma fil-każijiet fejn id-diżabilita` industrijali tkun inqas, jew addirittura ma teżistix, allura l-Qrati ma jkunux konformi kemm-il darba ma jagħtux kumpens proporzjonat għad-diżabilita` industrijali, li jkun inqas minn dik medika;

Illi effettivament, fil-prattika l-Qrati tagħna regolarment jagħtu kumpens ikkalkulat fuq id-diżabilita` medika anke jekk il-grad tad-diżabilita` industrijali jkun inqas jew addirittura nieqes għal kollox. Bosta drabi jiġġustifikaw dan il-pass billi jgħidu li għalkemm fid-deher id-diżabilita` industrijali tkun inqas minn dik medika, fil-fatt ma tkunx inqas billi jkun hemm danni indiretti. Hekk il-fatt li wieħed jibqa' fl-istess impjieg li kellu qabel ma jfissirx li ma sofriex telf ta' qliegħ billi jista' jitlef opportunita` li jiġi promoss jew li jikseb impjieg aħjar jew xort'oħra jtejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu;[10]

Illi b'danakollu, f'bosta każijiet oħrajn, id-diżabilita` industrijali tkun tabilħaqq inqas minn dik medika, jew addirittura ma tkunx seħħet, iżda xorta waħda jingħata kumpens abbażi tal-persentaġġ tad-diżabilita` medika, kif ammettiet din il-Qorti stess:

"Minkejja li l-Qrati tagħna f'xi każijiet eżaminaw jekk verament kienx sejjer

---

[10] ***Edgar Gatt v Oliver Theuma***, 27.04.1987 Qorti tal-Appell, Kollez. Vol. LXXI.ii.136 fejn ħajjata ġo fabbrika żammet l-impjieg iżda ħassret l-aspirazzjonijiet tagħha li taħdem ta' mudella; ***Joseph Magro v Tony Busuttil***, 09.12.1982, Prim'Awla fejn ħaddiem tilef sebgħu tan-nofs, żamm l-impjieg u l-istess paga iżda kien prekluż mili jfittex xogħol iktar rimunerattiv, anke manwali, fejn irid juża' s-swaba kollha; ***Vincenza Vella Dalmas v John Ghigo*** 07.02.1979 Prim'Awla finalment deċiża fil- 05.02.1980 Qorti tal-Appell fejn fattiga tilfet drigħha tal-lemin iżda kompliet fl-istess impjieg – il-Qorti qieset ukoll li apparti tfixkilha fil-promozzjonijiet, saret tiddependi fuq ħaddieħor għall-bżonnijiet tagħha u kien sejjer ikollha tħallas ta' dan

ikun hemm attwalment telf futur, dan sar aktar bħala parti mill-eżerċizzju tal-kwantifikazzjoni tad-danni milli biex jiġu stabbiliti il-kwistjoni tad-danni fihom innifishom (eg. Agius vs Borg, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 1995, ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Novembru, 1995);

"Il-maġġor parti tas-sentenzi tagħna *invece* jistrieħu biss fuq il-fatt ta' diżabilita' mingħajr ma jsir eżami profod jekk dik id-diżabilita' hijiex verament sejra tikkaġuna telf futur"[11];

"Fl-iżvilupp preżenti, pero, tal-ġurisprudenza tagħna huwa forsi neċessarju li l-bżonn ta' ċertezza u nuqqas ta' ambigwita` jimponu teorija li tesiġi li kull tip ta' diżabilita' permanenti twassal ghal telf fil-proporzjon tal-persentaġġ tagħha";[12]

Illi f'dan l-aħħar każ imsemmi, il-Qorti, minkejja li esprimiet il-perplessita` tagħha dwar dak li jingħad fil-ligi u l-interpretazzjoni li kienet qegħda tingħata mill-Qrati u ma naqsitx milli tikkritika s-sistema li kienet qegħda tiġi addottata xorta waħda segwiet l-istess linja ta' ħsieb tagħhom biex ma tiġix sakrifikata ċ-ċertezza tal-liġi;

Illi f'każ minnhom, il-Qorti iġġustifikat il-pożizzjoni tagħha purament abbażi tal-ħtieġa li ssir ġustizzja: "Fir-rigward tal-qliegħ li għandu jittieħed in konsiderazzjoni, huwa minnu dak li ġie sottomess mill-appellant illi "l-inċident ma affetwax il-qliegħ ta' l-attur b'mod permanenti" . Madankollu kif irriteniet din l-Qorti (diversament komposta) "[i]l-ligi tagħna diga` ma tagħti l-ebda kumpens

---

[11] ***Salamo v Attard*** 23.01.1996, Prim'Awla, iċċitata minn din il-Qorti f'***Susan Davies v Anthony Galea*** 10.10.1997 per Imħ. Noel Arrigo, Kollez. Vol. LXXXI.iii.273,274

[12] kumment tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri, ippreseduta mill-maġistrat (illum Imħallef) Anthony Ellul, in re: ***Michael Camilleri v Anthony Portelli*** 26.07.2007

ghad-danni morali f'każijiet bħal dawn u cioe` ma tagħti l-ebda kumpens ghall-uġiegħ u skumditajiet li min isofri debilita` permanenti neċessarjament jgħaddi minnhom. Lanqas tipprospetta kumpens għal dak li jirrigwarda n-nuqqas tal-kwalita` ta' ħajja li min ikollu debilita` permanenti neċessarjament ikollu jgħaddi minnha". B'hekk il-Qorti tkun qiegħda twettaq inġustizzja fir-rigward ta' l-appellat jekk ma' tatieħx kumpens adegwat għad-dannu li sofra";[13]

Illi f'każ ieħor, din il-Qorti ppruvat tiġġustifika l-pożizzjoni tagħha kemm tal-ġustizzja kif ukoll permezz tal-prinċipju tal-inkolumita` tal-persuna li għalkemm ma jinstabx fil-Kodiċi Ċivili, jinstab rikonoxxut f'liġijiet li jinstabu f'livell ogħla fl-ordinament ġuridiku:

> "59. It-telf li ġarrbet l-attriċi, iżda, ma huwiex biss patrimonjali.
>
> "60. L-attriċi ġarrbet ħsara f'ġisimha u, minħabba f'hekk, ukoll fil-psike tagħha. L-integrità psiko-fiżika tal-persuna hija valur imħares kemm mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u kif ukoll mill-Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropea ["il-Karta"], li fl-art. 3 – "Id-dritt għall-integrità tal-persuna" – para. 1 tgħid hekk: "Kull persuna għandha d-dritt għar-rispett tal-integrit fiżika u mentali tagħha". Din il-Karta, skond l-art. 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, "għandha jkollha l-istess valur legali bħat-Trattati", u għalhekk il-qrati maltin, għalkemm il-Karta nfisha japplikawha direttament biss "meta jkunu [qegħdin] jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni"[14], huma marbuta illi jinterpretaw il-liġijiet ta' Malta b'mod konformi.
>
> "61. L-art. 1033 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk dwar id-danni li għandu jħallas min bi ħtija tiegħu jagħmel ħsara lil ħaddieħor:

[13] **Emanuel Galea vs Pierre Scicluna** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-13 ta' April 2007

[14] Art. 51.1

" 'Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.'

"62. Fid-dawl ta' dak li għidna fuq dwar l-interpretazzjoni konformi, il- "ħsara li tiġri" ma tistax aktar tiġi interpretata bħallikieku tfisser biss ħsara patrimonjali iżda għandha tiġbor il-ħsara kollha, ukoll dik mhux patrimonjali bħal ma hija l-ħsara lill-ġisem meta tolqot l-integrita` fiżika tal-persuna. L-istess għandu jingħad għat-"telf effettiv" imsemmi fl-art. 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili. Wara kollox, u wkoll bla ma nqisu dak li tgħid il-Karta, il-liġi tad-delitti ċivili ta' pajjiż ewropew tas-Seklu XXI ma tistax tkompli tħalli bla rimedju lil min iġarrab ħsara fil-valuri fondamentali tal-ħajja. L-attriċi, bi ħtija tal-konvenuti, ġarrbet ħsara fl-integrità tal-persuna tagħha u għalhekk il-konvenuti huma obbligati għall-ħlas ta' din il-ħsara, kif igħid u jrid l-art. 1033 tal-Kodiċi Ċivili moqri fid-dawl tal-art. 3.1 tal-Karta.

"63. Il-ħsara mhux patrimonjali, min-natura stess tagħha, u fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet leġislativi li jirregolaw il-quantum, ma tistax tiġi likwidata jekk mhux *arbitrio boni viri* wara lil-qorti tqis il-fatturi kollha li ssemmew fuq. Wara li qieset dan kollu, il-qorti tillikwida d-danni mhux patrimonjali li ġarrbet l-attriċi fis-somma ta' ħamest elef euro (€5,000);"[15]

Illi l-Qorti tal-Appell, għalkemm ikkonfermat din is-sentenza, ma qablitx mal-parti tar-raġunament appena ċċitat:

"Fejn ma taqbilx din il-Qorti mal-ewwel Qorti hu fejn qalet li l-attrici ma ppruvatx danni patrimonjali bhala *lucrum cessans*, u minflok illikwidat kumpens li qiesithom danni mhux patrimonjali, li ma jirriżultax li, fl-isfond

[15] Linda Busuttil v Josie Muscat – Prim' Awla, per Imħallef Giannino Caruana Demajo, 30.11.2010, ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell 27.06.2014.

tal-liġi Maltija, jistgħu jingħataw. Il-ligi ta' Malta, fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili, jagħti kumpens, taħt dan il-kamp, ghal telf ta' qliegħ futur, u ma jidhirx li l-karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja, li japplika biss fil-kuntest ta' *cross-border interests*, jista' jiġi invokat f'oqsma li ma jaqgħux fil-kompetenza tal-Unjoni, bħalma huwa d-dritt għad-danni ċivili."

Illi l-vittma kienet mara tad-dar. Wara li l-Qorti tal-Appell iċċitat b'approvazzjoni sentenzi li jgħidu li x-xogħol tad-dar għandu valur ekonomiku, kompliet tgħid li "Ma hemmx dubju, allura li l-grieħi li sofriet l-attriċi jwasslu għal telf ekonomiku fil-futur, minħabba l-ħsara reali u tanġibbli li l-konvenuti huma tenuti li jirrimedjaw għaliha."[16] Jidher għalhekk li l-Qorti tal-Appell rabtet id-danni ma' telf potenzjali finanzjarju fil-futur, u mhux mad-dritt għall-integrita` fiżika tal-persuna.

Illi wkoll jekk tkun qiegħda tiddistakka ruħha minn interpretazzjoni letterali u loġika tal-preċitat Artiklu 1045, huwa fl-interess suprem tal-ġustizzja u partikolarment tal-prinċipju taċ-ċertezza tad-dritt li ma tiddistakkax ruħha mill-ġurisprudenza kostanti fuq imsemmija;

(d) <u>*Multiplier*</u>

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet aħħarija tiegħu, l-attur, li meta seħħ l-inċident kellu 33 sena, jissottometti li l-*multiplier* għandu jkun ta' 25 sena. Li jfisser komputazzjoni sal-eta` ta' 57 sena li hija definittivament inqas mill-eta` tal-irtirar li progressivament dejjem qiegħda titwal, u fil-każ tal-attur sejra tkun ta' 65 sena. B'danakollu, ġaladarba l-attur huwa kuntent b'dan il-*multiplier* konservattiv, il-Qorti sejra taddottah;

---

[16] Linda Busuttil v Josie Muscat - Qorti tal-Appell 27.06.2014.

## IV **Konklużjoni**

Illi meta seħħ l-inċident, is-salarju nett annwali tal-attur, wara li titnaqqas it-taxxa fuq id-dħul u l-kontribuzzjoni tas-sigurta` nazzjonali, kienet €22,396.18. Iż-żieda mogħtija abbażi tal-għoli tal-ħajja hija ta' €303.78c fis-sena. Dan ifisser li l-aħħar salarju tiegħu sal-eta' ta' 60 sena (li l-attur stess jgħid li hi l-eta` pensjonabbli tiegħu, għalkemm il-Qorti għandha dubbju dwar dan; għax aktar huwa iżjed) ikun €30,598.24 dejjem jekk wieħed jassumi li ma jkun hemm l-ebda żieda oħra fis-salarju tiegħu (għalkemm wisq probabbli jkun hemm; iżda l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet aħħarija tiegħu ma jitlobhiex) u l-medja annwali tas-salarju tiġi €26,497.21c;

Illi d-diżabilita` skont l-espert tal-Qorti hi ta' 15%;

Illi €26,497.21c x 25 sena x 15% = €99,364.54c;

Illi tenut kont li l-imgħaxijiet mogħtija mill-banek kummerċjali, anke għal depożiti fissi, illum huma inqas minn 1%, il-Qorti mhix sejra tagħti s-solitu 20% tnaqqis għal-*lump sum payment*, li kienet tingħata, in parti, minħabba l-imgħax normali għal depożitu fiss f'bank kummerċjali li kien ikun ta' ċirka 5% fis-sena; B'danakollu, tenut kont iżda li s-somma sejra tkun f'idejh, il-Qorti sejra *arbitrio boni viri* tnaqqasha għal €95,000;

B'kollox għalhekk l-attur għandu jieħu (€85.52) + €345 + €95,000 = €95,430.52;

## V ***Decide***

Għaldaqstant, għar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawża billi, tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attriċi billi tiddikjara lill-konvenut responsabbli għal-inċident, tal-20 ta' Settembru 2010, tikkundannah iħallas lill-attur s-somma ta' €95,430.52 in linea ta' danni, bl-imgħaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv. L-ispejjez tal-kawza inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-27 ta' Marzu, 2012 u tal-Mandat ta'

Sekwestru ppreżentat kontestwalment ma' din il-kawża jitħallsu kollha mill-konvenut.

Onor. Grazio Mercieca

Imħallef